MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2027/2002

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Martin Gerald Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fis-26 ta' Awissu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm271.13) rapprezentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 9973660;**
**Minkejja interpellat sabiex ihallas diversi drabi l-konvenut baqa' nadempjenti;**
**Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagement kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' din it-talba.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-24 ta' Ottubru, 2002, fejn intqal:**

**i. illi preliminarjament il-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni;**

**ii. illi l-konvenut mhuwiex debitur tas-socjeta` attrici stante illi huwa m'ghamilx uzu mis-servizzi tas-socjeta` attrici;**

**iii. illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mhux dovut;**

**iv. illi fir-raba' lok il-konvenut kien ikkancella is-servizz li huwa kellu mas-socjeta` attrici;**

**v. Salv eccezzjonijiet ohrajn u bl-ispejjez.**

**Ra n-nota prezentata fl-10 ta' Dicembru, 2002, li indikat l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-artikolu rilevanti dwar il-preskrizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Sharon Calleja ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi l-atturi qed jitolbu l-hlas ghall-servizzi rezi in konnessjoni ma' uzu ta' mobile phone. Il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni kienet preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` bid-dekors ta' hames snin.**

**2. Jirrizulta li l-ammont li qed jintalab jirrigwarda l-perijodu mis-7 ta' Awissu, 1998 sal-1 ta' April, 2000. L-ahhar pagament sar fit-18 ta' Novembru, 1998. Jirrizulta li l-konvenut kien ffirma ftehim ghas-servizz minghand is-socjeta` attrici u dana fit-3 ta' Awissu, 1998. Din il-kawza infethet fis-26 ta' Awissu, 2002, u cioe` entro il-perijodu ta' hames snin. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ma treggix.**

**3. Ma jirrizultax dak li qed jigi allegat mill-konvenut, li kien insteraqlu il-mobile, u anke li kieku dan kien il-kaz, ma jirrizultax li l-konvenut qatt mar jirrapporta lis-socjeta` attrici dwar is-serq allegat. Jirrizulta minflok li l-ammont mitlub huwa tassew dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm271.13), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Awissu, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------